TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 67/26/F

Noella Tonna (KI 0182068M)

vs

PYMCA Auto Dealer - Paul Pace (KI 0461061M)

Illum, 6 ta' Mejju, 2026

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-8 ta' April 2026;

Ra li minkejja li l-azjenda intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-seduta f'idejn 'Paul Pace, ID No. 461061M', naqset milli tippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tal-4 ta' Mejju 2026;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallasha s-somma komplessiva ta' tlett elef, mitejn u tlieta u disgħin Euro (€3,293) rappreżentanti rimborż tas-somma ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) illi hija ħallset akkont tal-prezz tal-vettura tat-tip Citroen C3 bin-numru ta' reġistrazzjoni ADA-896 kif ukoll is-somma ta' elf u tlieta u disgħin Euro (€1,093) rappreżentanti tiswijiet li r-rikorrent kellha tagħmel sabiex il-karozza bl-isperanza li din tiġi taħdem sewwa.
Illi r-Rikorrenti tgħid illi din il-karozza kellha ħafna problemi u li ġriet fuq li ġriet wara Paul Pace sabiex jinstab rimedju għall-problemi li kellha l-karozza imma qatt ma ħadha bis-serjetà. Dan seħħ bejn April 2025 u Ottubru 2025. L-istorja ta' dan il-każ tieħu żvolta kemmxejn stramba meta finalment, nhar l-24 ta' Ottubru 2025, Paul Pace aċċetta li jieħu l-karozza fil-garaxx tiegħu bl-intiża li jara x'għandha imma huwa kien pront iġiegħel lill-esponent sabiex tħallsu tlett mitt Euro (€300) 'sabiex jinqatgħu il-kambjali pendenti' u malli sar dan il-ħlas, ġiegħlha tiffirma l-*logbook* sabiex ikun jista' jdawwar il-karozza fuqu. Ir-rikorrenti stenniet li kienet ser tiġi rimborżata imma baqgħet b'xiber imnieħer, għax Paul Pace baqa' sejjer kemm bil-flus kif ukoll bil-karozza, li kienet diġà nefqet ħafna flus fuqha in kwantu ta' tiswijiet.

Illi dwar dawn il-fatti, ir-Rikorrenti kitbu lill-azjenda permezz tal-kunsulent legali tagħhom u ankè għamlu rapport mal-Pulizija Eżekuttiva li jġib in-numru 2/POL/7418/2025 u ġie eżebit in atti.

Illi r-rikorrent ikkonfermat it-talba tagħha bil-ġurament quddiem it-Tribunal u spjegat sewwa l-fatti appena rapportati. Ġew ippreżentati kopji tal-irċevuti tal-pagamenti li hija għamlet fuq il-karozza, tal-kambjali, kif ukoll tal-irċevuti kollha maħruġa għal tiswijiet fuq il-karozza.

Illi l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma deher għas-seduta tal-4 ta' Mejju 2026 quddiem it-Tribunal minkejja li kienet validament notifikata u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tagħha għas-seduta, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti tagħha.

Illi bis-silenzju tagħha, l-azjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli

dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament minn dan, it-Tribunal iqis li r-Rikorrenti irnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi u li dak li qed titlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħha bħala Konsumatur. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, it-talba għal rimborż ta' tlett elef, mitejn u tlieta u disgħin Euro (€3,293) magħmula mir-Rikorrent kif sostnuta mill-ispjegazzjoni tagħha u d-dokumenti eżebiti hija ġustifikata.

Illi inoltre, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta u qies sewwa l-fatt tal-każ, inkluż il-fatt li huwa ċar li din l-esperjenza qarsa ħalliet effett tqil ħafna fuq il-benesseri kemm tar-Rikorrenti kif ukoll ta' żewġha Victor Tonna, it-Tribunal ser jillikwida ukoll is-somma ulterjuri ta' erba mitt Euro (€400) bħala danni morali favur ir-Rikorrenti tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata lilha minħabba l-komportament deplorevoli tal-azjenda intimata.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlieta u disgħin Euro (€3,693).

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.

It-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni dwar possibbli reati kriminali mwettqa' mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti.

Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D., (Melit), ECPC-B (Maastricht)
Arbitru